**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-22 ta' April 1983**

**dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija approvata għall-iskop ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità**

(83/218/KEE)

(ĠU L 121 , 7.5.1983, p. 23)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Commission Decision 83/616/EEC of 29 November 1983 (*) | L 350 | 19 | 13.12.1983 |
| ►M2 | Commission Decision 84/356/EEC of 28 June 1984 (*) | L 186 | 55 | 13.7.1984 |
| ►M3 | Commission Decision 85/94/EEC of 21 December 1984 (*) | L 33 | 15 | 6.2.1985 |
| ►M4 | Commission Decision 85/512/EEC of 8 November 1985 (*) | L 316 | 48 | 27.11.1985 |
| ►M5 | Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/289/EEC tad-29 ta' Mejju 1986 | L 182 | 25 | 5.7.1986 |

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.

▼B

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-22 ta' April 1983**

**dwar il-lista ta' stabbilimenti fir-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija approvata għall-iskop ta' l-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità**

(83/218/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIETEWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji meta ssir l-importazzjoni ta' annimali bovini u majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 83/91/KEE ([2]), u b'mod partikolari Artikoli 4(1) u 18(1)(a) u (b) tagħha,

Billi stabbilimenti f'pajjiżi terzi ma jistgħux ikunu awtorizzati li jesportaw laħam frisk lejn il-Komunità sakemm ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ġenerali u speċjali stipulati fid-Direttiva 72/462/KEE;

Billi ir-Rumanija bagħtet, skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, lista ta' l-istabbilimenti awtorizzati li jesportaw lejn il-Komunità;

Billi żjajjar fuq il-post mill-Komunità urew li l-livell ta' iġjene ta' ħafna minn dawn l-istabbilimenti huwa adegwat u jistgħu għalhekk jiddaħħlu fl-ewwel lista, stipulata skond Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija Direttiva, ta' stabbilimenti li minnhom tista' tiġi awtorizzata l-importazzjoni ta' laħam frisk;

Billi l-każ ta' l-stabbilimenti proposti mir-Rumanija għandu jiġi eżaminat mill-ġdid fuq il-bażi ta' tagħrif dwar l-livell ta' l-iġjene tagħhom u l-abilità tagħhom li jadattaw ruħhom malajr mall-leġislazzjoni tal-Komunità;

Billi, fil-frattemp u biex tiġi evitata l-interruzzjoni f'daqqa tal-livell eżistenti tal-kummerċ, dawn l-istabbilimenti jisgħu jiġu awtorizzati temporanjament jkomplu bl-esportazzjoni tagħhom ta' laħam frisk lejn dawk l-Istati Membri li huma lesti li jaċċettawha;

Billi huwa għalhekk meħtieġ li tiġi eżaminata mill-ġdid u, jekk meħtieġ, tiġi emendata din id-Deċiżjoni fid-dawl tal-miżuri meħuda għal dan il-għan u biex isir titjib;

Billi għandu jitfakkar li l-importazzjoni ta' laħam frisk hija wkoll soġġetta għall- leġislazzjoni veterinarja oħra tal-Komunità, partikolarment fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni tas-saħħa, inklużi d-dispożizzjonijiet għad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit;

Billi l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti li jidhru fuq il-lista annessa ma' din id-Deċiżjoni tibqa' soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fi bnadi oħra u għad-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Trattat; billi, b'mod partikolari, l-importazzjoni minn pajjiżi terzi u r-riesportazzjoni lejn Stati Membri oħra ta' ċerti kategoriji ta' laħam, bħal laħam li jiżen anqas minn tlett kilogrammi, jew laħam li jkun fih residwi ta' ċerti sustanzi li għandhom mhux koperti b'regoli armonizzati tal-Komunità, tibqa' soġġetta għall-leġislazzjoni dwar is-saħħa ta' l-Istat Membru li jimporta;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

([1]) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
([2]) ĠU L 59, tal-5.3.1983, p. 34.

▼B

*Artikolu 1*

1. L-istabbilimenti tar-Rumanija elenkati fl-Anness huma b'dan approvati għall-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità skond l-imsemmi l-Anness.

2. L-importazzjoni mill-istabbilimenti riferiti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet veterinarji tal-Komunità stabbiliti band'oħra, u, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-ħtiġijiet għall-protezzjoni tas-saħħa.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni ta' laħam frisk minn stabbilimenti ħlief għal dawk elenkati fl-Anness.

Iżda, L-Istati Membri jistgħu jkomplu jawtorrizzaw sat-30 ta' Novembru 1983 l-importazzjoni ta' laħam frisk li jkun ġej minn stabbilimenti mhux elenkati fl-Anness iżda li jkunu uffiċjalment approvati u propost mill-awtoritajiet Rumeni sal-15 ta' Ottubru 1982 skond Artikolu 4(3) tad-Direttiva 72/462/KEE, kemm-il darba ma tkunx ittieħdet deċiżjoni mod ieħor, skond Artikolu 4(1) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, qabel l-1 ta' Diċembru 1983.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat lista ta' dawn l-istabbilimenti lill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Mejju 1993.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta u jekk meħtieġ emendata qabel l-1 ta' Settembru 1983.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M5

*ANNESS*

**LISTA TA' STABBILIMENTI LI MINNHOM TISTA' TIĠI AWTORIZZATA L-IMPORTAZZJONI TA' LAĦAM FRISK MINGĦAJR LIMITU TA' ŻMIEN**

| Nru ta' l-approvazzjoni | Stabbiliment | Indirizz |
|---|---|---|

I. LAĦAM BOVIN

A **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| 2 | Industria carnii Bacau | Bacau |
| 37 | Industria carnii Galati | Galati |
| 60 | Industria carnii Alexandria | Lixandra |
| 61 (1) | Industria carnii Buzau | Buzau |

B. **Postijiet tat-tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| A-15 | Interprinderea de preparate si conserva din carne | Bucuresti |
| 23 | Frigorifer Sibiu | Sibiu |
| 30 | Antrepozitul Frigorific Timisoara | Timisoara |
| 42 | Fabrica de conserve carne, semiconserve, Frigorifer Suceava | Suceava |
| 83 | Antrepozitul Frigorific Piatra Neamt | Piatra Neamt |

II. LAĦAM TAL-MAJJAL (2)

A. **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| 1 T | Industria carnii Arad | Arad |
| 2 T | Industria carnii Bacau | Bacau |
| 8 T | Abatorul Iasi | Tomesti |
| 37 T | Industria carnii Galati | Galati |
| 60 T | Industria carnii Alexandria | Alexandria |
| 61 T (3) | Industria carnii Buzau | Buzau |

B. **Postijiet tat-tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| A-15 | Interprinderea de preparate si conserva din carne | Bucuresti |
| 23 | Frigorifer Sibiu | Sibiu |
| 30 | Antrepozitul Frigorific Timisoara | Timisoara |
| 42 | Fabrica de conserve carne, semiconserve, Frigorifer Suceava | Suceava |
| 83 | Antrepozitul Frigorific Piatra Neamt | Piatra Neamt |

III. LAĦAM TAŻ-ŻIEMEL

**Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ**

| | | |
|---|---|---|
| 2 | Industria carnii Bacau | Bacau |

(1) Eskluż skart.
(2) L-istabbilimenti bl-indikazzżjoni ”T” huma awtorizzati, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/96/KEE, li jwettqu l-eżami għall-kxif ta' trichinae kif provdut fl-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija hawn fuq.
(3) Eskluż skart.

▼M5

**LISTA TA' STABBILIMENTI MINFEJN LAĦAM FRISK JISTA' JIDDAĦĦAL BISS FIT-TERRITORJU TAL-KOMUNITA SAD-DATA DIKJARATA**

| Nru ta' l-approvazzjoni | Stabbiliment | Indirizz |
|---|---|---|
| | I. LAĦAM BOVIN | |
| | **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ** | |
| 11 (1) | Industria carnii Turnu Severin | Turnu Severin |
| | II. LAĦAM TAL-MAJJAL (2) | |
| | **Biċċeriji u postijiet tat-tqattigħ** | |
| 11 T (3) | Industria carnii Turnu Severin | Turnu Severin |

(1) Sat-28 ta' Novembru 1986.

(2) L-istabbilimenti bl-indikazzżjoni ”T” huma awtorizzati, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 77/96/KEE, li jwettqu l-eżami għall-kxif ta' trichinae kif provdut fl-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija hawn fuq.

(3) Sat-28 ta' Novembru 1986.